MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1166/2001/1

***U.C.I.M. Co. Ltd***

***Versus***

**Saviour Johnson f'ismu u għal kull interess li għandu f'*Sunisle Garage*, u Mary mart l-istess Saviour Johnson**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tmintax-il elf, tmien mija u ħmistax-il lira (Lm18,815), bilanċ tal-valur ta' għoxrin (20) kambjala li għalqu bejn Novembru ta' l-1999 u Ġunju ta' l-2001, flimkien ma' l-imgħax minn meta għalqet kull kambjala – li sat-28 ta" Mejju 2001 kien tela' għal mitejn u għaxar liri (Lm210) – u l-imgħaxijiet ulterjuri sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar 2001.
Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda fl-ewwel jum tas-smigħ tal-kawża l-partijiet flimkien talbu differiment fit-tul sabiex forsi jilħqu ftehim.  Il-kawża

baqgħet tiġi differita sakemm, fis-26 t'Ottubru 2006, is-soċjetà attriċi b'nota naqqset it-talba tagħha għal tmint elef, sitt mija u sitta u tmenin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm8,686.77), li tiġbor fiha wkoll l-imgħaxijiet sal-25 ta' Mejju 2006, barra l-imgħaxijiet minn dakinhar 'il quddiem u l-ispejjeż, u l-konvenuti b'nota oħra ammettew it-talba kif imnaqqsa.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi tmint elef, sitt mija u sitta u tmenin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm8,686.77), flimkien ma' l-imgħaxijiet mill-25 ta' Mejju 2006 sa meta jsir il-ħlas u l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------